KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 26_5/12/07/V**

## MINUTI TAS-SITTA U GĦOXRIN SEDUTA

**Is-sitta u għoxrin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **L-Erbgħa 5 ta' Diċembru 2007** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech** |
| **Deputat Segretarju :** | **Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-4.30pm b'din l-agenda:

1. **Qari u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduti 25_20/11/07**
2. **Materji konessi mal-minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mill-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti (seduta 25_20/11/07 u seduta 26_5/12/07)**
6. **Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju għal perjodu Lulju-Settembru 2007**
7. **Affarijiet Oħra**

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI SEDUTA NUMRU 25_20/11/2007

Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija u ġew proposti mill-kunsillier J. Galea u ssekondati mill-kunsillier L.Vella u approvati mill-kunsilliera kollha minbarra l-kunsillier M. Debono għax ma' kienx preżenti fl-aħħar seduta.



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Il-kunsillier M. Briguglio reġa fakkar li t-tabelli ta' trejqet Sant'Injazju rigward il-proġett tal-Galaxy għadhom ma' inqalgħux, u li huwa importanti li jinqalgħu malajr kemm jista jkun. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva ittra mis-Sur Carl Balzan fejn wera d-diżappunt tad-deċizjoni tal-Kunsill filwaqt li informa li se jżommu l-Kunsill responsabbli tal-ħsara li jistgħu jikkawżaw huma stess lill-karozzi tal-viċinanzi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll li rrefera din l-ittra lill-avukat tal-Kunsill, fejn l-avukat għandu jikteb lill-kuntrattur fejn jinfurmhom li t-tabelli se jinqalgħu għax ma' żammewx mar-regolamenti u b'hekk ikollhom jiġu għall-permessi neċessarji kull meta jkollhom bżonn jagħlqu t-triq.

2.2 Il-kunsillier M. Briguglio staqsa jekk kellniex risposta mill-ADT dwar il-*one way* fi Triq Manwel Dimech. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill għadu ma' rċeviex risposta.

2.3 Il-kunsillier M. Briguglio staqsa dwar il-mera li kellha titwaħħal fi Triq Windsor ma' Triq Borg Olivier. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din qegħda fil-lista tax-xogħol tal-ħaddiema biex issir.

2.4 Is-Sindku M. Arrigo infurmat lill-kunsilliera preżenti li kellna rispons qawwi mill-ħwienet għat-tiżjin tal-Milied, b'riżultat li l-Kunsill se joħroġ inqas fondi minn dawk li kienu ġew ivvutati.

2.5 Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis qal li hemm bżonn li titwaħħal mera, minn fejn toħroġ minn Triq Norfolk għal Triq Dingli. Il-Kunsill qabel ma' dan.

2.6 Il-Viċi Sindku A. Bonello staqsa għalfejn il-Kunsill talab għal kwotazzjoni oħra meta kellna diġa tlieta dwar il-pubblikazzjoni tal-ktieb tas-Sliema Wanderers. Il-kunsillier L.Vella spjega li l-Kunsill talab kwotazzjoni mill-kumpanija Veritas, li hija l-istess kumpanija li nippubblikaw il-*magazine* 'Tas-Sliema', għaliex it-tlett kwotazzjonijiet l-oħra kienu mitluba min-naħa tas-Sliema Wanderers u l-Kunsill kellu d-dritt jistaqsi għall-kwotazzjoni oħra minħabba li l-Kunsill se joħroġ il-fondi biex jiġi ppubblikat dan il-ktieb. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega d-differenza ta' l-erba kwotazzjonijiet, fejn tlieta minnhom kienu diġa ġew ippreżentati fl-aħħar seduta, u tal-Veritas Press ġiet spjegata kif kien ġie deċiż fl-aħħar seduta. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Veritas Press ikkwota bl-ispeċifikazzjonijiet li l-*finishing* ikun *perfect bound* u *thread sewn*. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jitlob lil *Richard's Press*, *Salesian Press* u *Bonavia Press* għal kwotazzjoni oħra li jinkludu dawn l-ispeċifikazzjonijiet kif ukoll li jagħtu garanzija li l-ktieb jiġi ppubblikat sal-bidu ta' Frar.

Fuq dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li kien staqsa lill-avukat tal-Kunsill dwar il-pubblikazzjoni tal-ktieb. L-avukat wieġeb li la darba dan huwa skop għall-aħjar fil-kommunita` ta' Tas-Sliema, ma' hemm xejn ħazin. Li huwa importanti li l-Kunsill iżomm mad-deċiżjoni li ttieħded fl-aħħar seduta li fil-ktieb ikun hemm 'Not for Sale' u li jkun hemm il-*logo* ta' Tas-Sliema fejn jindika li l-ktieb ġie ppubblikat mill-Kunsill Lokali Sliema.

2.7 Il-kunsillier M. Debono Staqsa jekk il-*magazine* hux se joħroġ qabel il-Milied. Il-Kunsill se jagħmel mill-aħjar, għalkemm il-materjal kellu jintbgħat tard minħabba ċertu ċirkustanzi msemmija fl-aħħar seduta. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li dan huwa żmien fejn il-*printers* kollha jkollhom domanda qawwija ta' xogħol f'dawn iż-żminijiet.

## 3. KORRISPONDENZA U KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU/SEGRETARJU EŻEKUTTIV

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq lill-Kunsill id-dokumenti dwar l-EPS ta' Fort Cambridge. Il-kunsillier M. Briguglio ġibed l-attenzjoni li r-rapporti ma' jinkludux ir-rikjesti kollha tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-MEPA fejn jinfurmaw li fir-rapport m'hemmx inkluż it-talbiet kollha li kien talab il-Kunsill biex jiġu inklużi fosthom is-*Social Impact Assessment* u *Traffic Impact Assessment* ibbażat fuq informazzjoni addattata.

3.2 Talba minn *Dar il-Kaptan* għal permess sabiex issir attivita` is-Sibt 15 ta' Diċembru fi Triq it-Torri (fejn Joinwell). Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni b'kundizzjoni li jnaddfu wara l-attivita`.

3.3 Ittra minn *Happy Paws Charity Organization* dwar il-proġett li titwaqqaf klinika għall-animali. Talbu l-għajnuna tal-Kunsill biex jipprovdi post għal dan il-għan. Il-Kunsill għandu jwieġeb li jixtieq li kieku kellu dawn ir-riżorsi iżda dawn diġa huma limitati.

Fuq din in-nota, is-Segretarju Eżekuttiv informa li nhar il-Ġimgħa 7 ta' Diċembru fl-10.30am, se jingħata l-vann l-antik lill *St Francis Foundation* b'mod uffiċjali, u li kulħadd huwa mistieden li jattendi.

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill bil-korrispondenza mingħand is-Sur David Sutton mill-ADT rigward *Sliema Traffic Plan and MIDI Tunnel.* Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan is-suġġett se jiġi diskuss fil-laqgħa tas-6 ta' Diċembru, 2007 l-ADT stess.

*Daħal fis-seduta l-kunsillier N. Dimech fil-5.25pm*

*Il-kunsilliera M. Azzopardi telqet mis-seduta fil-5.25pm*

3.5 Ittra mingħand is-Sur Anġlu Xuereb bħala rappreżentant tal-partit Azzjoni Nazzjonali fejn kien stieden lill-kunsilliera għall-diskussjoni dwar il-proposti għal *Sliema Waterfront.* Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li kien irrisponda lis-Sur Xuereb li l-kunsilliera ma' setgħux jattendu minħabba li l-Kunsill ġie avżat fi żmien qasir b'din il-laqgħa, u l-kunsilliera kellhom impenji oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera wkoll għall-mod xettiku li kien irrispondina s-Sur Xuereb, li jekk il-Kunsill għadu interessat, dawn lesti li jagħmlu preżentazzjoni oħra fil-ġimgħat li ġejjin. Fuq dan il-punt, il-Kunsill unanimament qabel li dawn il-proposti jistgħu jintbagħtu permess ta' korrispondenza, minn naħa ta' l-A.N. fejn jiġu diskussi f'laqgħa ta' Kunsill.

3.6 Talba mill-*Island Sancturary* għall-permess sabiex isir *carol singing* ix-Xatt bejn il-21 u l-24 ta' Diċembru, 2007 għal *fund raising.* Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan, b'kundizzjoni li jżommu nadif u ma jkunux eżatt quddiem entraturi jew vetrini tal-ħwienet.

3.7 Ittra mill-*Wise Owl Publications* fejn offrew Lm 50 (€116.47) *voucher* jekk nixtru ammont ta' kotba bi prezz minimu ta' Lm100 (€ 232.94). Il-Kunsill ma' qabilx ma' din l-offerta.

3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li l-Kunsill irċieva rapport dwar l-effiċenza tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fuq nota ġenerali l-Kunsill mar tajjeb, għalkemm ġibdulna l-attenzjoni dwar il-manutenzjoni tas-sinjali tat-traffiku.

3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza mil-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-kuntratt ta' *Local Enforcement System*. Din il-korrispondenza kienet intbagħtet lill-kunsilliera kollha permezz ta' *email* nhar l-4 ta' Diċembru, 2007. Il-kunsilliera għandhom jibgħatu l-kummenti tagħhom bil-miktub f'qasir żmien.

3.10 Korrispondenza mill-Perit Chris Spiteri dwar xi kontijiet pendenti għas-servizzi ta' *project management*. Il-Kunsill kien diġa ddiskuta li minħabba li x-xogħol ma' kienx wieħed sodisfaċenti, il-Kunsill kellu jqabbad perit ieħor għar-rapporti dwar it-toroq konċernati, ma' kienx lest li jħallas dawn il-konitjiet lill-Perit Chris Spiteri. Il-kunsilliera kkumentaw ukoll li l-Perit Spiteri ma' tantx kien jikkopera, l-anqas meta kien jiġi msejjaħ għal laqgħat. Madankollu l-Kunsill qabel li għanda niltaqgħu ma' l-avukat tal-Kunsill, fejn jiġi involut ukoll l-accountant tal-Kunsill ukoll, sabiex inkunu nistgħu nsolvu din is-sitwazzjoni.

3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta stima mit-taqsima tax-xogħlijiet tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, dwar il-*fencing* biss (labour mhux inkluż) li tammonta Lm 5,782 (€ 13468.44). Il-Kunsill qabel li għandu jara kemm tiġi l-istima kollha ta' dan il-proġett b'mod sħiħ, fejn wara jara kemm il-Gvern Ċentrali lest li jgħin b'mod finanzjarju.

3.12 Ittra mill-*Government Property Division* għall-kummenti tal-Kunsill dwar talba għall-imwejjed u siġġijiet fi Trejqet Luzju. Il-Kunsill iddeċieda li qabel ma' tissolva l-problema ta' ostaklu għall-passaġġ fix-Xatt, li ħolqu l-istabbilimenti li għandhom l-imwejjed u s-siġġijet, ma jieħux pożizzjoni dwar dawn it-talbiet simili.

3.13 Talba minn *The Owners Associations* ta' 208/209, Triq it-Torri Sliema, sabiex il-Kunsill jagħmel *culvert* f'din l-*area* imsemmija. Il-Kunsill qabel li ma tistax issir, minħabba li m'għandux fondi allokati.

Fuq dan il-punt il-kunsillier L. Vella rrimarka li aħjar issir parti mill-bankina tax-Xatt ta' quddiem l-Optika, minħabba li hija perikoluża ħafna. Il-Kunsill qabel ma' dan.

3.14 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera dwar il-korrispondenza ta' l-*ispeed ramp* ta' Triq San Neriku. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir permezz ta' *rubber hump.*

Fuq dan il-punt il-kunsillier M. Debono staqsa jekk l-*ispeed hump* fi Triq Viani ma' Sqaq Sajjan tistax issir permezz ta' *rubber hump* ukoll. Il-Kunsill qabel ma' dan.

**MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA**

4.1 Il-kunsillier staqsa jekk jistax isir kors tal-kompjuter b'livell bażiku minħabba li kellna domanda qawwija minn residenti. Il-Kunsill qabel li għandu jsir għal massimu ta' tletin ruħ. Il-Kunsill għandu jġib stimi u jqabbel l-aħjar prezzijiet. Il-Kunsill għandu jġib avviż fil-*magazine* li jmiss.

**5. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAS-SEDUTI 25_20/11/07 U 26_5/12/07**

5.1 Il-kunsillier N. Dimech ippropona u l-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis issekonda li l-pagamenti tas-seduta 25_20/11/07 jiġu approvati. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

5.2 B'referenza għall-iskeda tal-pagamenti tas-seduta 26_5/12/07 il-kunsillier M. Briguglio staqsa dwar iċ-cekk numru 9174 f'isem *Faces Displays*. Dan il-ħlas kien jinkludi t-tneħħija tal-*bus shelters* l-antiki. Madankollu l-kunsilliera preżenti qablu li dan m'għandux jitħallas, qabel ma' l-*bus shelter* tax-Xatt ta' quddiem *Marks and Spencer* jitwaħħal kif suppost.

Il-kunsillier N. Dimech ippropona u l-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis issekonda li l-pagamenti tas-seduta 26_5/12/07 (minbarra ċekk numru 9174) jiġu approvati. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**6. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI FINANZJARJI GĦAL PERJODU LULJU-SETTEMBRU 2007.**

Il-kunsillier N. Dimech flimkien ma' l-*accountant* tal-Kunsill is-Sur C. Vella spjegaw dawn ir-rapporti li ġew imqassma lill-kunsilliera ma' l-agenda u l-minuti.

Il-Viċi Sindku A Bonello Dupuis ippropona u l-kunsillier L. Vella ssekonda li jiġu approvati dawn ir-rapporti finanzjari (Lulju-Settembru 2007). Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**7. AFFARIJIET OĦRA**

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għas-16 ta' Jannar, 2008 fl-4.30pm.

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**